



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

---

**2010/2311(INI)**

14.3.2011

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar Il-linja politika tal-UE Kontra t-Terroriżmu: il-kisbiet ewlenin u l-isfidi tal-futur  
(2010/2311(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Luis de Grandes Pascual

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u jtenni li din għandha tiġi konnessa mal-istrateġija imminente dwar is-sigurtà interna tal-UE;
2. Iqis id-deċiżjoni li jiġu approfonditi u żviluppata l-erba' oqsma ewlenin tal-istrateġija kontra t-terroriżmu – prevenzjoni, protezzjoni, insewiment u rispons – bħala waħda tajba;
3. Iwissi li huwa żball li jissejjaħ “terroriżmu Musulman” dak li għandu pjuttost jiġi deskritt bħala “terroriżmu Ġiħadista radikali”; iqis li l-ġeneralizzazzjonijiet li jiskreditaw it-totalità ta' twemmin reliġjuż leġittimu la m'huma ġusti u lanqas adegwati;

### *Prevenzjoni*

4. Jinsab imħasseb dwar id-dewmien fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Qafas 2002/475/ĠAI u jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Qafas 2008/919/ĠAI li d-data finali għat-traspożizzjoni tagħha kienet id-9 ta' Diċembru 2010; iqis li huwa kruċjali li l-Istati Membri jittrasponu u jimplementaw b'mod effettiv il-leġiżlazzjoni kontra t-terroriżmu adottata fil-livell tl-Unjoni;

### *Protezzjoni*

5. Iqis li t-terroriżmu huwa fenomenu li qed jevolvi b'mod kostanti u li għandu jiġi ffaċċjat permezz ta' politika kontra t-terroriżmu li tista' tindirizza dan il-fatt; jilqa' f'dan ir-rigward il-miżuri adottati reċentement fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni, kemm fil-verifika tal-merkanzija kif ukoll fis-sistemi ta' skrijning tal-passiġġieri;

### *Insewiment*

6. Ifakkar fir-rwol importanti li għandu l-Parlament fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u attivitajiet b'rabta ma' dan, bħall-iffinanzjar tat-terroriżmu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintroduċi mill-iktar fis miżuri amministrattivi fir-rigward tal-iffriżar tal-assi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u attivitajiet b'rabta ma' dan;

### *Rispons*

7. Jilqa' l-inklużjoni tal-vittmi tat-terroriżmu fil-proposta leġiżlattiva imminente tal-Kummissjoni biex jiġi previst strument komprensiv dwar il-protezzjoni tal-vittmi; jappoġġa f'dan ir-rigward il-petizzjoni min-naħa tal-Kongressi Internazzjonali tal-Vittmi tat-Terroriżmu; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipproponu l-liġijiet meħtieġa biex il-vittmi jingħataw appoġġ, protezzjoni u għajjuna deċenti u adegwati, kif ukoll rikonossiment soċjali tal-istat tagħhom ta' vittmi tat-terroriżmu.